**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Luqa** **IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 32** **15 ta' Marzu 2022**

Il-Kunsill Lokali ltaqa' nhar it-Tlieta, 8 ta' Frar 2022 fis-sala tal-Kunsill Lokali Ħal Luqa, fil-5.30p.m.

**PREŻENTI:**

John Schembri – Sindku

Eric Camilleri – Kunsillier

Frederick Aquilina – Kunsillier

Victor Caruana – Kunsillier (*permezz ta' video conferencing*)

Lucia Massa – Kunsillier

Maria

Magri - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 17A (3):**

Keoron Bruno – Viċi Sindku

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Karen Camilleri – Deputat Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

**Is-Sindku John Schembri** ppresjeda l-laqgħa.

**32.1** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Seduta 31**

Is-Sindku John Schembri talab l-approvazzjoni tal-Minuti 31, liema minuti kienu ċċirkulati u meħuda bħala moqrija.

Il-Kunsillier Lucia Massa ssekondat.

Il-Minuti 31 ġew approvati b'mod unanimu.

**32.2** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

**32.2.1** **Is-Sindku John Schembri** nfurma li l-Ħadd 20 ta' Marzu fil-11a.m., il-membri huma mistednin għall-inawgurazzjoni tal-librerija l-ġdida fiż-żona ta' Ħal Farruġ. Din l-inawgurazzjoni se tkun qed issir mill-Onor. Ministru Julia Farrugia.

**32.2.2** **Is-Sindku John Schembri** nfurma li l-evaluation tat-tender ta' patching and carraigeways għadu ma tlestix, minkejja l-bosta reminders li ntbagħtu mid-Deputat Segretarju Eżekuttiv.

**32.2.3** **Is-Sindku John Schembri** nfurma li fil-ġranet li ġejjin se tkun qed toħroġ it-tender għal xiri ta' vann.

**32.3** **Komunikat mill-Kunsilliera**

32.3.1 **Il-Kunsillier Victor Caruana** rringrazzja lill-membri tas-support li qed jagħtuh f'dan iż-żmien li għaddej minnu u rringrazzja lill-membri li ngħata l-opportunita' li jipparteċipa fil-laqgħa permezz tal-*video conferencing*.

32.3.2 **Il-Kunsillier Victor Caruana** talab li l-ħaddiema jiġu nfurmati sabiex isir tindif tal-garaxx tal-Kunsill, għaliex hemm ħafna ħmieġ.

31.3.3 **Il-Kunsillier Victor Caruana** fakkar sabiex tiġi nstallata mera fuq l-OK Bar fi Triq il-Karmnu.

31.3.4 **Il-Kunsillier Victor Caruana** fakkar li l-vann tal-Kunsill wasal għas-service, għaldaqstant huwa mportanti li ma jiġix traskurat.

31.3.5 **Il-Kunsillier Victor Caruana** talab li jinqata' l-ħaxix ħażin minn Triq Sant'Andrija.

**31.4** **Skeda ta' Ħlasijiet**

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iSkeda ta' Ħlasijiet.

**Il-Kunsillier Lucia Massa** ipproponiet l-approvazzjoni tal-ħlasijiet.

**Il-Kunsillier Maria Magri** ssekonda.

L-iSkeda ta' Ħlasijiet ġiet approvata b'mod unanimu.

**31.5** **Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fis-6.40p.m. u ġiet aġġornata għat-Tlieta, 12 ta' April 2022 fil-5.30p.m.

Konfermati, llum ____________________________________

| | |
|---|---|
| John Schembri | Karen Camilleri |
| Sindku | Deputat Segretarju Eżekuttiv |